# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 15 ta' Jannar 2017
It-II Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tieni Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex filwaqt li ngħixu fil-paċi flimkien, inroddu ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna kotinwament.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 49, 3.5-6)
Kull bniedem huwa mistieden sabiex ikun dawl għall-ġnus sabiex kulħadd ikun fiċ-ċans li jikseb is-salvazzjoni.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**It-Tieni Qari** (1 Kor 1, 1-3)
Minkejja l-fatt li l-bniedem ifittex ħafna, jinduna li Alla biss jagħti l-veru paċi u sliem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 1, 29-34)
Ġwanni l-Battista, b'mod mill-aktar qawwi jgħidilna li Ġesù huwa dak li ġie fid-dinja sabiex ineħħi t-tfixkil tagħna u jsalvana.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Fit-tieni qari tal-lum smajna li Alla biss jagħti l-veru paċi u sliem. Ejjew għalhekk inroddulu ħajr billi noffru l-ħidmiet tagħna permezz ta' dawn l-offerti.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Ġesù huwa dak li ġie fid-dinja sabiex ineħħi t-tfixkil tagħna u jsalvana. Fit-tqarbin imqaddes, hu jidħol fina sabiex aħna nkomplu ninbidlu aktar fih.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.